MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI RIMANDANTI
## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2014

Numru. 1111/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dr. Mario Cuschieri)**
**Vs**
**Laszlo Nandor Marton**

Il-Qorti,

Wara li rat li l-Pulizija ressqu b'arrest IiI Laszlo Nandor Marton ta' 58 sena, ta' nazzjonalita Ungeriza, imwieled fBudapest fit-go ta' Marzu 1956, iben Kalman u Terezia nee Farkas, detentur tal-Karta ta' l-Identita Ungeriza bin-Numru 1-560330-0132, prezentement residenti fil- Facilita Korrettiva ta' Kordin;

Wara li rat *inter alia* is-Schengen Information System Alert mahrug fir-rigward ta' Laszlo Nandor Marton u l-Mandat ta' Arrest Ewropew mahrug fil-konfront ta' Laszlo Nandor Marton mill- Central District Court ta' Pest u wara li rat ic-Certifikat mahrug mill-Avukat Generali a tenur ta' l-Artikolu 7 ta' 1-Avviz Legali 320 ta' 1-2004;

Wara li semghet IiI Laszlo Nandor Marton jikkonferma li huwa dak il-persuna ghalliema inhareg '1 fuq imsemmi Mandat ta' Arrest Ewropew;

Tiddikjara ai termini ta' l-Artikolu 10 ta' l-Avviz Legali 320 ta' 1-2004 li 1-persuna li qed tidher quddiem din il-Qorti huwa fil-fatt l-istess persuna kontra min inhareg il- Mandat ta' Arrest Ewropew mill-Central District Court ta' Pest, kopja ta' liema Mandat gie dikjarat mill-partijiet li nghatat Iil Laszlo Nandor Marton;

Wara li ai termini ta' l-Artikolu 11 ta' l-Avviz Legali 320 ta' 1-2004, il-Qorti infurmat lil Laszlo Nandor Marton dwar il-kontenut tal-Mandat ta' Arrest Ewropew mahrug kontra tieghu;

Wara li tat lil Laszlo Nandor Marton dik l-informazzjoni necessarja dwar il-kunsens ai termini ta' l-Artikolu 11(2) ta' l-istess imsemmi Avviz Legali;

Wara li spiegat lil Laszlo Nandor Marton l-import ta' l-Artikolu 43 ta' l-Avviz Legali 320 ta' 1-2004;

Wara li semghet Laszlo Nandor Marton jiddikjara li huwa jaghti l-kunsens tieghu sabiexjintbaghat Iura l-Ungerija;

Wara li semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li fil-prezent Laszlo Nandor Marton wasal biex jghaddi guri akkuzat bir-reat ta' omicidju;

Wara li rat l-Artikolu 28A ta' l-Avviz Legali 320 ta' 1-2004 u wara li rat li d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 43 ta' l-imsernmi Avviz LegaIi gew osservati;

Tordna li Laszlo Nandor Marton ghandu jinzamm taht arrest izda tissospendi l-konsenja tieghu lill-Ungerija pendenti l-ezitu tal-guri imsemmi iktar 'l fuq u sakemm dan jigi determinat u kemm-il darba jinstab hati, sakemm jiskonta 1-piena eventwalment imposta fuqu mill-Qorti kompetenti.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------